MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Numru. 384/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs**
**Ali Alfred Mouldi ta' 32 sena, bin Amor u Maria Dolores nee' Mallia, imwieled tal-Pieta' fis-16 ta' Settembru 1980 u li joqghod Flat 14, Flat 5, Triq San Nikola, Valletta detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 439380(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Ali Alfred Mouldi akkuzat talli f'Novembru u Dicembru 2008 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn, tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Christian Fynbo u jew Arbejdernes Landsbank.

2. talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dak l-atti jew skritturi wara li jkunu gew ifurmati, inmella billi zid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3. talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

4. talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali tal-21 ta' April 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi qabel ma tezamina l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat, l-Qorti hija tal-fehma illi f'dana il-kaz qabel xejn ghandha tezamina u taghrbel il-provi migjuba quddiemha u dana billi l-istess huma kemmxejn fjakki u ma jixhtux wisq dawl fuq l-involviment ta'l-imputat f'dana il-kaz. Illi l-Qorti tosserva mal-ewwel illi l-parti leza qatt ma xehed f'dawn il-proceduri u lanqas ingiebet prova wahda illi l-*credit card* tieghu giet misruqa jew mitlufa. Dana johrog biss minn dak li ighid l-ex Spettur Ivan Cilia li mexxa l-investigazzjonijiet f'dana il-kaz. Lanqas ma hemm provi li jindikaw x'tip ta' *credit card* kienet li allegatament intuzat mill-imputat, ghajr ghal *statement* jew rendikont illi x'aktarx huwa bil-lingwa daniza li l-Qorti qajla tista' tifhem ghajr ghad-dati u xi postijiet fejn x'aktarx intuzat dina l-*card*. Dana id-dokument jidher illi huwa fotokopja li qatt ma gie awtentikat jew ikkonfermat bil-gurament. Il-Prosekuzzjoni imbaghad tezebixxi rendikont maghmula minnha dwar dati u hwienet flimkien mal-ammonti li inhargu minn dina l-*credit card* u diversi *chits* mahurga minn dawn l-istabbilimenti indikati f'dana ir-rendikont mil-liema chits jidher illi l-*card* x'akatarx kienet VisaDankort u sid il-card huwa il-parti lesa Christian Fynbo. Illi l-parti leza l-ohra indikata fl-akkuza u cioe' Arbejdernes Landsbank, li x'aktarx huwa xi bank daniz ma jiffigura imkien fl-atti hlief fuq l-*istatement* esebiet a fol.15, Dokument IC1. Illi l-prosekuzzjoni setghet tipprevali ruhha mill-procedura stabbilita fil-ligi tal-ittri rogatorji sabiex tingieb il-prova tad-danni sofferti mill-parti leza, izda dana ma ghamlitux. Dana qed jinghad ukoll il-ghaliex ghalkemm hemm firma fuq kull *chit* esebieta, madanakollu qatt ma gie stabbilit ta' min hi dina l-firma u ghalhekk setghetx kienet tal-parti leza stess jew inkella kenitx xi firma iffalsifikata. Il-Prosekuzzjoni qatt ma tallbet li jigi nominat espert tal-kalligrafija sabiex jigi stabbilit jekk dik il-marka bil-biro li tidher fuq kull *chit* setghetx saret mill-imputat jew minn siehbu Simon Pisani li allegatament kien komplici mieghu.

L-ex Spettur Ivan Cilia fix-xhieda tieghu ghid illi huwa irceva rapport minn ghand persuna ta' nazzjonalita Daniza, Fynbo Christian, fil-11 ta' Dicembru 2008. Ma jirrizultax mill-atti lanqas jekk dana kienx xi rapport verbali jew inkella kienx bil-miktub u dana peress illi x-xhud ma

jispecifikax u lanqas jezebixxi kopja ta’ dana ir-rapport, jekk dana kien sar bil-miktub. Ighid illi dan Fynbo jirraporta illi fis-26 ta’ Novembru 2008 bejn is-saghtejn u it-tlieta ta’ fil-ghodu huwa ipprova juza l-*credit card* tieghu fl-ATM tal-bank HSBC f’San Giljan, izda ighid illi l-magna gibbdet dina l-*card*. Wara xi jiem huwa irraporta dana il-fatt mal-bank izda gie infurmat illi peress illi l-ATM ma kenitx ezatt biswit l-*branch* fejn kien qed jaghmel ir-rapport, u billi l-ATM tinfetah biss darba fil-gimgha, huwa kellu jirritorna gimgha wara. Huwa hekk ghamel fejn hemmhekk gie infurmat illi l-ATM ma kenitx gibbdet il-*card* tieghu. Illi hawnhekk il-Qorti tosserva ghal darb’ohra illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tipproduci bhala xhud rappresentant tal-bank HSBC fejn allegatament dana Fynbo kien ghamel ir-rapport tieghu u ghalhekk tissostanzja dak li il-parti leza kien qieghed jallega fir-rapport tieghu. Illi wara dan il-parti leza siefer fejn pajjizu minghajr ma jidher illi ghamel xi rapport allura li il-*card* tieghu kienet nieqsa. Dana ghamlu meta huwa ottejna *statement* tal-kont tieghu fejn hemmhekk, allura, induna illi kienu saru diversi transazzjoijiet bil-*card* li ma kienx ghamilhom hu. Illi l-Qorti tosserva  illi l-*istatment* esebiet, Dokument IC1, jirreferi ghal perijodu bejn l-1 ta’ Dicembru 2008 u it-30 ta’ Dicembru 2008 mentri id-dati indikati mill-Prosekuzzjoni fir-rendikont maghmul minnha kollha jirreferu ghad-dati bejn is-26 ta’ Novembru 2008 u id-29 ta’ Novembru 2008 ghajr ghal tlieta minnhom, tnejn li inhargu mill-istabbiliment Blackbull it-2 u it-3 ta’ Dicembru 2008 u wahda li inharrget mill-istabbiliment Plush fl-4 ta’ Dicembru 2008. Il-Qorti tosserva ukoll illi l-prosekuzzjoni lanqas ma ressqet prova dwar il-perijodu taz-zmien illi l-parti leza kien f’Malta u meta effettivament telaq u dana sabiex ikun jista jigi stabbilit b’certezza illi ma kienx possibbli ghalih li juza dina l-*card*. Dana ghaliex kif diga inghad x-xhud ewlieni f’dina l-kawza qatt ma ingieb jixhed.

Illi l-uniku prova li tressqet mill-prosekuzzjoni, ghalhekk, li tista’ torbot lill-imputat mal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu huwa biss *footage* u *stills* li inharrgu mill-istess filmat ta’ CCTV camera li tghasses l-ATM tal-bank HSBC gewwa Paceville. Illi f’dana il-filmat ghal habta tat-03:17 tal-ghodwa tas-26 ta’ Novembru 2008 jidher persuna li

qed jipprova juza l-magna u vicin tieghu jidhru zewg persuni ohra fejn f'hin minnhom l-persuna li kienet qed tuza il-magna titkellem ma' dawn iz-zewg persuni ohra. Illi l-Prosekuzzjoni issostni illi dina l-persuna hija l-parti leza, izda l-ebda prova dwar dan ma hemm fl-atti billi kif diga inghad, u jerga' jigi sottolinjat, il-parti leza qatt ma xehdet biex tikkonferma dawn il-fatti u ghalhekk il-Qorti ma tistax tistabbilixxi min hi dina l-persuna. Di piu lanqas ma ingieb bhal xhud rappresentant tal-HSBC sabiex jezebizzi rendikont ta' transazzjonijiet li gew maghmula f'dina l-magna f'dak il-jum u f'dik il-gurnata. Illi imbaghad fil-hin ta' bejn 03:23 u 03:24 a.m. jidher l-imputat u siehbu Simon Pisani vicin dina l-magna fejn il-persuna li tixbah lil Pisani tidher qed tiehu xi haga mill-magna, izda ma jidhirx car dina l-haga x'inhi. Illi b'dawn l-*istills* f'idejhom il-pulizija accedew f'diversi stabbilimenti gewwa Paceville fejn dawn it-tnejn minn nies jigu identifikati bhala l-imputat u Smon Pisani li kienu maghrufa sew f'dawn l-istabbilimenti peress illi kienu jahdmu f'wiehed minnhom.

Illi l-imputat wara dan jigi arrestat u interrogat fejn huwa jammetti illi f'dik il-ghodwa hu flimkien ma' Pisani kienu ghaddejjin vicin dina l-ATM fejn siehbu lemah credit card fl-ATM u gabarha. Ighid illi Pisani ghaddieha lilu peress illi huwa tallbu biex jaraha, izda peress illi ighid li ma kellhomx x'ighambuha, huwa iddecieda li jarmieha u ghalhekk remieha fl-art. Wara dan Simon Pisani wasslu id-dar. Ighid illi huwa ma ghamel l-ebda rapport lill-pulizija dwar is-sejba ta' dina il-*card* ghax dehrlu li ma kienx hemm ghalfejn.

Illi mic-*chits* esebieti jidher illi dina l-*credit card* intuzat ghall-ewwel darba aktar tard filghaxija matul il-jum tas-26 ta' Novembru. Illi l-prosekuzzjoni ressqet ukoll xi xhieda u cioe' sid l-istabbiliment ta' Stiletto, Ronald Axisa u Mustafa Trabelsi li kien jahdem bhala *manager* u *security* f'dana l-istabbiliment li ighid illi fil-jum tas-27 ta' Novembru 2008 huwa jiftakar jara lill-imputat u lil Simon Pisani fl-istabbiliment. Ma jafx madanakollu jekk huma xtrawx xi haga jew jekk hallsux b'xi card. Ronald Axisa minn naha tieghu jikkonferma illi l-imputat u siehbu jiffrekwentaw l-istabbiliment tieghu izda huwa ma kienx prezenti.

Ghalkemm isostni illi fil-jum tas-27 ta’ Novembru saru zewg pagamenti ta’ €500 u €400 permezz ta’ xi *card* liema pagamenti ma gewx onorati mill-bank, madanakollu ma setax jikkonferma jekk kenux l-imputati li ghamlu dawn il-pagamenti. Illi fl-*istatement* esebiet Dokument IC1 a fol.15 tal-process, dawn iz-zewg pagamenti ma jiffiguraw imkien. Illi z-zewg pagamenti li saru mill-istabbilment Stilletto jidher illi saru f’Dicembru. Joseph Zammit *manager* ta’l-istabbilimenti Plush, Blackbull u Havana ighid illi l-imputat kien jahdem mieghu u anke Simon Pisani. Dana l-anqas ma kien presenti fl-istabbiliment u ghalhekk ma kienx f’posizzjoni ighid jekk l-imputat u siehbu kenux uzaw xi *credit card* f’xi wiehed mill-istabbilimenti. Ighid ukoll illi il-pagamenti ma gewx onorati mill-bank minhabba il-fatt li l-*card* li intuzat kienet misruqa. Nadia Portelli *salesgirl* gewwa Baystreet u Martin Bonello li kien *manager* ta’l-istabbiliment Blackbull jixhdu bl-istess mod u ma humiex f’posizzjoni jidentifikaw lill-imputat bhala l-persuna li uza dina l-*credit card*.

Dawn huma essenzjalment il-provi li ghandha quddiemha l-Qorti, provi li iridu iwasslu lil-Qorti ghal konvinciment morali illi l-imputat kien il-persuna li ikkometta r-reati li dwarhom jinsab akkuzat. Illi ghalkemm il-Qorti fliet bir-reqqa il-provi kollha li hemm l-atti, madanakollu ma setatx tasal biex tistabbilixxi illi kien proprju l-imputat li ha il-credit card mill-ATM tal-HSBC, li sussegwentement ghamel uzu minnha sabiex jaghmel qliegh ghalih innifsu. Illi kif diga inghad hemm nuqqasijiet kbar fl-atti billi l-ewwel lok ma hemmx ix-xhieda tal-allegati vittmi ta’ dana ir-reat, tal-persuna li ghamlet r-rapport, tal-kontijiet bankarji konnesi mal-*credit card* mertu tal-kawza, u ma hemmx prova illi l-firma fuq ic-chits esebieti tappartjeni lill-imputat. Lanqas ma hemm prova illi l-persuna li tidher fl-istills esebieti a ol 27 huwa fil-fatt il-parti leza. Illi ghalkemm l-imputat, fl-istqarrija tieghu, jammetti illi din il-*credit card* ghamlet xi hin fil-pussess tieghu, madanakollu ma hemmx provi illi din intuzat minnu. Illi anke jekk ghal grazzja ta’l-argument il-Qorti kellha temmen illi l-imputat u siehbu Simon Pisani hadu il-*credit card* in kwistjoni, madanakollu ma hemmx prova minn hemm ‘il quddiem illi dawn kellhom dak il-*common design* mehtiega fir-reat tal-komplicita illi jaghmlu

uzu minnha sabiex jarrikkixxu rwiehom. Dana qed jinghad ghaliex lanqas hemm prova fl-atti illi kien wiehed li ghamel uzu minnha u mhux l-iehor jew li ghamlu uzu minnha flimkien!

Illi anke jekk wiehed ihares lejn l-akkuza ewlenija migjuba fil-konfront ta'l-imputat u cioe' ir-reat tal-frodi hawnhekk ukoll, l-Qorti tistqarr illi it-tehid tal-*credit card* mill-imputat jew siehbu jew minnhom it-tnejn jixbah iktar ir-reat tas-serq milli dak tal-frodi u dana ghaliex l-element tal-hekk imsejjah *misc en scene* huwa nieqes. Hawnhekk ma kienx hemm mezzi ta' raggiri, artifizji jew xi uzu ta' ingann li wassal sabiex l-vittma ta' dana ir-reat, (li fl-akkuza huwa indikat bhala Christian Fynbo u Arbejdernes Landsbank), jigi ingannat mill-imputat. Biex jissussiti ir-reat tal-frodi jehtieg necessarjament illi s-suggett attiv jadopera mezzi sabiex igieghel lil vittma tieghu jaghmel xi haga li solitament ma kienx jaghmel, jew bil-maqlub illi igieghel lill-vittma tieghu ma jaghmilx xi haga li solitament huwa jaghmel. L-vittma irid ikun gie ingannat b'xi haga illi jaghmel il-frodatur li igieghlu jemmen realta' li fil-verita' ma tezistiex.

Illi l-Carrara jaghti s-segwenti definizzjoni tar-reat tas-serq: ***"Contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro."***[1] Il-Professur Mamo imbaghad fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ikompli ighid:

"An análysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:-

1. The *contrectatio* of a thing.
2. belonging to others.
3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. *animo lucrandi*.

F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fit-30 ta' Jannar 2003, l-Qorti taghmel

[1] Vide Criminal Appeal The Police vs Mario Tanti 09.12.1944

esposizzjoni dettalji ta' dak li ighidu l-awturi fosthom il-Carrara, Crivellari u il-Professur Mama:

**"*Il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui … per lucro qui non s'intende un effettivo locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso*."**

Il-Crivellari imbaghad ighid:

**"*l'elemento intenzionale nel furto non si cotruisce gia col solo animo di prendere ma' coll'animo di lucrare*."**

Illi ghalhekk il-fattispecje ta' dana il-kaz iktar jixbhu ir-reat tas-serq milli tal-frodi billi qed jigi allegat illi l-imputat u siehbu serqu dina il-*credit card*, imbaghad ghamlu uzu taghha bi profitt ghalihom. Kwindi l-ewwel reat, lanqas legalment ma hu koncepibbli u mhux biss fattwalment.

Illi dwar l-akkuza tal-falsifikazzjoni, jerga' jinghad illi ma saret l-ebda prova illi l-firem li jidhru fuq ic-*chits* esebieti jappartjenu lill-imputat, kif lanqas ma hemm prova illi kien l-imputat li ghamel uzu minn dina l-*card*. Kwindi lanqas dana ir-reat ma jista' jissussisti. L-istess jista' jinghad ghar-reat tar-ricettazzjoni billi kif diga inghad ghalkemm l-imputat ighid illi din il-*credit card* kienet il-pussess tieghu ghal xi hin, madanakollu ma irrizultax ippruvat jekk huwa ghamilx uzu minnha.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi kollha, l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu billi huma legalment u fattwalment mhux ippruvati sal-grad rikejst fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------